# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 4 ta’ Frar 2019**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Maurice Curmi)**

**vs**

**Raymond Camilleri**

**Kumpilazzjoni Nru: 534/2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Raymond Camilleri, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ Maltija numru 26974(M).

Akkuzat talli:

F’Dicembru 2010 u fix-xhur u s-snin ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ madwar dsatax-il elf ewro (€19,000), ghad-detriment tas-socjeta’ Charmaine Grima detentrici tal-karta ta’ l-identita’ numru 10580(G) ai termini ta’ l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' tas-somma ta' madwar dsatax-il elf ewro (€19,000) ghad-detriment tas-socjeta' Charmaine Grima detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 10580(G) ai termini ta' l-artikolu 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Aktar talli sar recediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata 22 ta' Jannar 2002, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula, ai terminu ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali permezz ta'liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja kif mahsub fis-segwenti artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

- 18, 308, 309 u 310(1)(a);
- 18, 293, 294 u 310(1)(a);
- 49 u 50; u
- 17, 31, 23C, 31, u 533.

Rat li l-imputata ma kellux ogezzjoni li l-kaz jitkompla bi proceduri sommarji.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda fatti li sehhew bejn is-sena 2006 u 2010 u li bhala rizutat taghhom certa Charmaine Grima allegatament giet ingannata mill-

imputat biex ghaddietlu somma ta' flus konsiderevoli; rapport lill-pulizija dwar dawn il-fatti sar minn Grima fis-17 ta' Jannar 2011.

Illi l-imsemmija Charmaine Grima iddeponiet fit-tul u sarilha kontroezami darbtejn[1]. Hija tispjega li kienet rat avviz fil-gazzetta The Times of Malta dwar medicina alternattiva orjentali[2], cemplet in-numru tal-mobile phone hemm indikat biex tindaga fuq dawn il-prodotti. Il-persuna li kellmet, li irrizulta li kien l-imputat, qallha biex jiltaqghu: jew imur id-dar taghha jew inkellha il-Qawra; qallha biex meta jiltqaghu tiehu maghha il-malja u xugama. Hija preferriet li ma jiltaqghux id-dar ghalhekk ftehmu li jiltaqghu hdejn l-ghassa tal-pulizija il-Qawra. Minn hemm marru f'lukanda[3] hallset ghaxar liri Maltija u peress li l-imputat rid li "jaraha" dahlu fit-toilet. L-imputat qallha li hu kien studja hafna fuq medicina orjentali, li ghamel zmien twil ic-Cina, u li kellu tabiba (Dr Nara) shab mieghu fin-negozju. Grima spjegatlu li hija tbaghti minn eczema pero hu assigura li l-prodotti li kien qed joffrilha kienu tajbin ghaliha ghax tant kienu naturali li kellha izzommhom fi fridge u kellhom expiry date qasira hafna. Grima xtrat diversi lotions dak in-nhar. Hi bdiet tuza il-prodotti pero ma ratx li kienu qed jaghmlu effett; wara xi hmistax tuza dawn il-prodotti qabadha raxx u hakk ghalhekk cemplet lill-imputat. Regghu iltaqghu, f'l-istess lukanda; dak in-nhar qallha kellu ufficju f'San Pawl il-Bahar fejn kien jaghmel xoghol ta' Avukat u investigatur u anke kellu clinic. Meta Grima spjegatlu fuq ir-raxx u l-hakk qallha li kellha fungus u staqsiha jekk kienitx marret l-isptar; l-imputat allega li l-isptar kien hemm xi virus. L-imputat hallat zewg creams milli kellu fil-karozza, taghhomlha u qalli li dan il-cream kellu jirrizolvi l-problema. Dan il-cream applikatu u r-raxx ghaddielha; wara regghet bdiet tuza il-creams u lotions li kienet xtrat originarjament minghand l-imputat pero ma baqghetx tuzahom ghal zmien twil. Wara xi xahar mit-tieni laqa' fil-lukanda l-imputat cempel lil Grima biex jara kif kienet sejra u hi infurmatu li kienet waqqfithom il-prodotti li kienet xtrat. L-imputat qallha li hu xtaq icemplilha qabel pero kien ma jiflahx. Grima thassritu u regghet iltaqghet mieghu u ikkonvinciha terga tibda tuza l-l-prodotti. Meta regghet bdiet tuzahom rega beda jaqbadha l-hakk u meta qaltlu lill-imputat ried jaghtiha xi pilloli, ghamlilha xi injections u anke hadilha d-demm ghaliex meta invista qallha li kellha sidirha qisu marid. Dawn l-ahhar avvenimenti

---

[1] Depozizzjonijiet a fol 63 et seq, 664 et seq u 713 et seq.

[2] Kopja ta' dan ir-reklam hija esebita bhala Dok MC3 a fol 25; fih huwa reklamati "*natural oriental medicines*" ghal diversi kundizzjonijiet. Dan ir-reklam kien jirreferi ukoll ghal "*oriental doctors and trained maltese staff*".

[3] San Antonio Hotel.

sehhew fil-klinika tieghu. Wara li suppost sar l-analizi tad-demm minn xi hadd minn klinika privata[4], l-imputat qallha li ghandha xi tip ta' mikrobu mhux identifikat, pero ma tahiex ir-rizultat ta'l-analizi tad-demm[5]. Wara dan l-imputat ghamlilha hafna testijiet ohra pero baqa jinsisti li l-mikrobu ma jistax jigi identifikat; qallha ukoll li skond Dr Nara dan ma kienx eczema normali imma mikrobu li hadet minn xi toilet. Baqa' jaghti pilloli u creams li ghalihom gieli kienet thallas mat-tlettin lira Maltija[6]. Grima fil-fatt baqghet tmur ghand l-imputat kull hmistax ghax xtaqet li tara rizultat bil-lotions li originarjament kient thajjret ghalihom; tul dan iz-zmien l-eczema daqqqa tghaddilha u daqqa terga tidher. Meta kienet tmur ghandu l-imputat kien juriha prodotti godda u jghallima dwarhom; ftit ftit bdew isiru hbieb. Fis-sajf 2007 marru btala flimkien Firenze u minn hemm inbidlu l-affraijiet bejniethom.

Illi gara li ftit wara li gew lura mill-btala Grima kellha incident bil-karozza u spiccat minghajr karozza u kellha bzonn part time job. L-imputat qallha li kien sabilha part time job ma kumpanija ta' huh jisimha Melita Cleaners li kienet tipprovdi cleaners lill-lukanda Radisson. Grima fil-fatt bdiet tahdem bhala cleaner apparentement mal-kumpanija Melita Cleaners imma kienet taghmel xoghol f'l-imsemmija lukanda. L-arrangament kien li l-lukanda jhallsu lil Melita Cleaners u dawn ihallsu lil Grima; pero Grima qatt ma thallset ta' dan ix-xoghol.

Illi f'dan l-istess perjodu l-imputat beda jallega li l-mikrobu li kellha kien jittiehed u li hu kien ittiehed minnha; hu allega dan ghax darba waqt li kien qed jaghmlila trattament kien miss wiccu, u darb' ohra, waqt il-btala f' Firenze, meta kienet rieqda kellha xi demm li spicca fuq wiccu. Beda jghidilha li kienet irrovinatlu hajtu. Huwa qallha ukoll li kien baghat demm minn tieghu li Dr Nara li sadattant kienet marret lura f'pajjizha (Mongolia) u irrizulta li hu kellu l-istess virus li kellha Grima. L-imputat qallha ukoll lil Grima biex ma tmurx l-isptar ghax jindunaw x'ghandha u jsakkruha hemm u meta tmut jaharqu gisimha. L-imputat qallha li f'kien kuntatt ma Dr Nara biex jara jsibx kura ghalihom u spicca biex qallha li kellu bzonn trasfuzzjoni tad-demm u li din kellha ssir il-Mongolia f'l-isptar ta' Dr Nara; dan[7] kien ser jiswa erbatax il-elf lira Maltija. Ghahekk l-ewwel marru ghand il-Bank of

[4] Skond ix-xhud l-imputat allega li d-demm kien ser jigi ezaminat minn impjegat tas-St James.
[5] L-imputat allega ma' Grima li dik il-persuna li ghamlet l-analizi kienet qed taghmel dan ix-xoghol biex jaqa xi haga izjed u ghalhekk ma setghax jaghtih certifikat bil-miktb.
[6] Gieli pero ma kienx izommilha flus.
[7] Il-vjagg u l-kura.

Valletta biex jiehdu loan pero din ma gietx approvata. Mbaghad l-imputat qal lil Grima li kien issellef il-flus minghand xi hadd jismu Charlie. L-imputat telaq lejn il-Mongolia. Waqt il-vjagg kien cempel lil Grima biex tibghatlu aktar flus minhabba li kien iltqa' ma incident u tilef connecting flight; dawn il-flus kellha tissellifhhom minghand missierha. Rega' ikkomunika maghha wara xi gimghatejn biex jghidilha li kien qed imut u li nqalghu hafna kumplikazzjonijiet fil-kura li kienu qed jaghtuh. Meta gie lura Malta rega ikkomunika ma' Grima; beda jghidilha x'seta qatt ghamel biex kien haqqu dak kollu li kien qed jigrilu u li dan kien kollu minhabba fiha. Fuq insistenza ta'l-imputat Grima bdiet taghmel xoghol ta' tindif f'post iehor f'Spinola b'mod li issa kellha x-xoghol full time taghha u zewg partime jobs ta' tindif; ghax-xoghol ta' tindif kienet ghada mhux qed tithallas ghax il-flus kien qed johodhom l-imputat apparentement biex ihallas il-loan ma' Charlie. Ghamlet sena tahdem bhala cleaner f'dawn iz-zewg postijiet u kienet qed tghinu ukoll fix-xoghol ta' private investigator; dan l-ahhar xoghol kienet taghmlu minghajr hlas. Grima ma' setghetx tkompli b'dan ir-ritmu ghaliex lanqas biss kien qed ikollha hin biex torqod. Twaqqfet mix-xohol ta' tindif minhabba li l-imputat kien qed jicchargja dejjem aktar gholi ghax-xoghol li kienet taghmel Grima u minhabba li hi da parti taghha, lejn l-ahhar, ma kenitx qed tkun efficjenti fix-xoghol minhabba li kienet qed tkun ghajjiena hafna. Grima tghid ukoll li lill-imputat kienet taghti parti mill-paga taghha mill-impjieg full time u dawn il-pagamenti kienu jkunu ta' almenu mitt lira fix-xahar.

Illi peress li twaqqfet mix-xoghol ta' tindif u skond l-imputat ma kellhomx flus biex ikomplu jhallsu l-loan li kienu hadu hareg b'l-idea li jergaw jibdew igibu l-lotions; biex jaghmlu hekk kellha tissellef flus minghand missierha u harget xi flus hi ukoll. Gabu il-prodotti u bdew joperaw taht l-isem Naturismus; il-flus biex  jibdew u jmantnu dan in-negozju hargithom Grima. L-imputat kien ghalliema kif ghandha tapplika dawn il-prodotti fuq il-klienti u huma bdew jilqaghu in-nies fil-"klinika" li kellu l-imputat. Damu joperaw xi hames xhur pero kellhom iwaqqfu in-negozju minhabba problemi fil-prodotti. Minn hawn is-sitwazzjoni baqghet sejra ghall-aghar u ftit ftit Grima bdiet tinduna li hafna mill-affarijiet li kien qallha l-imputat ma kienux vera: li hu mhux avukat, li uliedu ma kienu ittiehdu l-ebda mard min ghandu[8], li s-socjeta Melita Cleaners ma kienetx tezisti. Eventwalment Grima irnexxielha tidhol f'kuntratt ma Frans Borg, hu Anthony Borg li kien maghruf bil-laqam "il-bona" ghaliex l-imputat kien dahhal lilu ukoll f'l-istorja u inkixef hafna

[8] L-imputat hekk kien allega ma' Grima.

aktar gideb fuq l-imputat. F'dak l-istadju marret taghmel rapport mal-pulizija. Grima qalet ukoll li fis-sena 2010 hija kienet saret taf lil certu Ashraf Elbakry u li hu ukoll kien ha vantagg minnha u gieghla taghmel certu atti; dawn wasslu ghal proceduri penali fil-konfront taghha lil hija ammettiet ghalihom.

Illi l-imputat da parti tieghu jaghti storja kompletament differenti[9]. Jghid li hu u Dr Nara kellhom negozju avvjat sew meta Grima marret biex tixtri prodotti taghhom; jghid li hija marret f'l-ufficju fejn ezaminata Dr Nara fil-waqt li hu traduca ghaliex jghid li Grima ma kellhiex Ingliz tajjeb. Jghid li Grima bdiet tuza l-prodotti taghhom u fi ftit zmien bdiet tara kambjament pozittiv. Grima pero bdiet tuza l-prodotti b'mod aktar frekwenti milli suppost u bdiet tmur ghandhom dejjem aktar ta' spiss biex tixtri aktar prodotti. Jghid li minn hemm nibdet hbiberija bejniethom, bdew johorgu flimkien u anke marru btala flimkien u kien minn hemm li bdew il-problemi bejnithom. L-imputat jghid li matul lejl minnhom meta kienu f'din il-btala huwa iccappas minn demm ta' Grima u gralu xi haga tant li intefah u kellu jmur l-isptar hemm go Firenza. Gew lura Malta u mar l-isptar Boffa u qalulu li ghandu herpes. Jghid li kien difficli hafna biex jikkurawh ghalhekk dahal f'kuntatt ma Dr Nara (li issa kienet marret lura f'pajjizha) u beda jsegwi trattment li issugeritlu hi b'tama li eventwalment ikun jista jmur ghal trattament aktar specjalizzat il-Mongolia. Meta inghata konferma li dan it-trattament seta' jkollu rizultata pozittivi fuqu huwa ghamel l-arrangamenti kollha biex imur il-Mongolia u anke ha sample tad-demm ta' Grima ghaliex hu kien jinsisti li l-mikrobu hadu minghandha u kellhom bzonn is-source tal-virus biex ifejjqu lilu. Biex seta' jmur kellu jissellef flus minghand Anthony Borg (il-bona); jghid li kienet Grima li introducietu lil Borg. L-imputat qal li t-trattament hadem fuqu u gie lura Malta hafna ahjar, tant li rega' beda jara lil uliedu[10] u Grima riedet tmur hi ukoll il-Mogolia biex tiehu l-istess trattament. Regghu bdew in-negozju tal-lotions u hi talbet lil missierhaa ghal xi flus. Jghid li kienu sejrin tajjeb u li Grima bdiet tonfoq it-turnover kollu.

Illi l-imputat jghid li f'dan il-perjodu Grima kienet qed tipprova ggemma flus biex tmur il-Mongolia pero kienet nefqet il-profitti kollha tan-negozju ghalhekk huwa sabilha xoghol tramite huh Johann bhala cleaner f'lukanda. Jghid li kien hu li ha hsieb biex tithallas ghal dan ix-xoghol ghaliex kien f'l-interess tieghu ukoll stante li f'dak il-perjodu Grima kellha taghtih elf u disa

[9] Depozizzoni tieghu a fol 470 et seq.
[10] Qabel l-ex-mara tieghu ma kenitx thallih minhabba l-marda li kellu.

mitt lira Maltija. Jammetti li hu thallas ghalx-xoghol kollu li ghamlet bhala cleaner pero jghid li dawn il-flus hu ghaddihom lilha. L-imputat jghid ukoll li hija ma kenitx qed taghmel xogholha, ta' cleaner, sew ghalhekk il-lukanda waqqfuha u minn hemm Grima inbidlet. Jghid li bdiet taghmel affarijiet li ma kienux f'l-interess taghha u ghalhekk huwa waqaf jaghtiha flus.

Illi l-imputat kompla jispjega li lil Anthony Borg kien hallsu d-dejn kollu u dan wara li nqalaw xi episodji spjacevoli li kienu jinvolvu anke lil hu Anthony Borg, cioe Frans Borg; jghid pero li l-ahwa Borg qatt m'heddewh. L-imputat jghid li theddied li huwa rceva kien minghand Grima ghaliex kellha xi video ta'l-imputat u, stigata minn Ashraf Elbakry, bdiet tirrikattah. L-imputat jghid li wasal punt fejn ma kienx ser jibqa jissubixxi ghalhekk informa lil Grima li kien ser jirrapporta lill-pulizija pero lahqet marret hi ghand il-pulziija qablu u ghamlet ir-rapport hi.

Illi kemm Charmaine Grima kif ukoll l-imputat prezentaw diversi dokumenti[11]. Il-Qorti tisqarr li l-bicca l-kbira ta' dawn id-dokumenti huma inammissibli bhala prova ghaliex huma jew kopja mhux awtentikata, jew dokumenti mhux konfermati b'gurament kif titlob il-Ligi, jew huma print-outs minn fuq l-internet, jew huma bic-Ciniz. Aktar minn hekk hafna mid-dokumenti ftit li xejn ghandhom relevanza ghall-mertu ta' dawn il-proceduri.

Illi dwar il-kundizzjoni medika ta'l-imputat tressaq bhala xhud Dr Stephen Fava[12] li spjega li l-imputat ibaghti mid-dijabete u *sleep apnoea* bi problemi tan-nifs u riskji kardjovaskolari. Jghid li huwa jara lill-imputat regolament u li qatt ma lmenta mieghu dwar problemi tal-gielda. Gie esebiet ukoll il-file mediku tieghu mill-isptar Mater Dei[13] u l-file tieghu tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta[14]. Minn dawn il-files ma jirrizultax li l-imputat kellu xi mard naxxenti minn problemi fil-gielda hlif ghat-3 ta' April 2008 meta fil-file (tac-Centru tas-Sahha) hemm indikazzjoni li l-imputat kellu *herpes simplex*.

Illi tressqu diversi persuni ohra bhala xhieda; fost affarijiet ohra jirrizulta minn dawn id-depozizzjonijiet li:

- It-tfal ta'l-imputat qatt ma ttiehdu xi mard tal-gielda minghandu[15];

[11] L-imputat ferm aktar minn Grima.
[12] Depozizzjoni a fol 50 et seq.
[13] A fol 41.
[14] Dok AZ1  afol 724 et seq.
[15] Dan jirrizulta mix-xhieda ta' l-ex mara ta'l-imputat Lorenza Camilleri: depozizzjoni a fol 203 u 266.

- Ghax-xoghol li Grima kienet taghmel fil-lukanda Radisson ir-rata ta' hlas kienet tlett Euro u hamsin centezmu fis-siegha u huwa stmat li thallsu total ta' elf u tlett mitt Euro; l-arrangamenti dwar dan ix-xoghol saru ma'l-imputat u diskussjonijiet dwar rati saru mieghu ukoll[16].
- Il-persuna li ssemma' b'l-isem Charlie fil-fatt huwa certu Charles Saliba li jghid li qatt ma silef flus lill-imputat u li l-imputat darba kien ikkuntattjah biex ma jislifx flus lil Grima[17].
- Missier Grima kien siliefha diversi ammonti li kienet titoblu in konnessjoni ma xi problemi tal-gielda u kien hemm okkazzjoni meta talbietu xi sebghat elef lira Maltija imma kienet somma kbira wisq[18].
- Charmaine Grima kienet marret Il-Bank of Valletta (fergha taz-Zurrieq) f'Dicembru 2007 biex titlob loan ta' erbatax il-elf lira Maltija; din il-loan ma gietx approvata[19].
- Hu l-imputat Johann Camilleri ghandu negozju ta' "*travel, automotive, transport u insurance*", u qatt ma kellu xi negozju jew kumpaniji flimkien ma huh[20].
- Frans Borg (hu il-bona) kien ilu jafu lill-imputat l-ahhar u kien iltaqa' mieghu l-ahhar kien ghall-habta tas-sena 2010[21] meta l-imputat qallu li hu kien ghad ghandu jaghti hafna flus lil huh u semmiehlu lil haddiehor li ghandu jaghti flus lill-bona u ssuggerixxa li jigbruhom u jaqsmuhom bejniethom (Anthony Borg kien miet meta kellhom din il-konverzazzjoni). Frans Borg pero ma kienx jaf fic-cert jekk l-imputat kien issellef minghand huh[22].

Illi l-imputat ressaq ukoll lil certu Daniela David bhala xhud[23]. Jidher li ghal xi perjodi din David kienet f'relazzjoni ma'l-imputat u permezz tieghu saret taf lil Charmaine Grima. Tghid li hi kienet ilha f'relazzjoni ma'l-imputat mis-sena 2000 u damet mieghu hdax il-sena[24]. Tghid li taf li Grima kienet tiehu flus minghand l-imputat u li anke hi gieli tat flus lil Grima. Dwar x'impjieg kellu l-imputat tghid li mhiex certa x'kien jaghmel wara li ma baqax fil-korp tal-pulizija (dan fis-sena 2007) pero minghalija li kellu

[16] Dan jirrizulta mix-xhieda ta' Mark Galea: depozizzjoni a fol 215 u 452.
[17] Ref depozizzjoni a fol 219 u 708.
[18] Ref depozizzjoni ta' Godfrey Zammit a fol 222 u 684.
[19] Dan jirrizulta mix-xhieda ta' Mario Formosa: depozizzjoni a fol 237 et seq.
[20] Depozizzjoni ta' Johann Camilleri a fol 259.
[21] Borg iddepona f'April 2012 u qal li kien ilu xi xentejn / sentejn u nofs li kien l-ahhar iltaqa ma'l-imputat.
[22] Depozizzjoni a fol 226 u 449.
[23] Depozizzjoni a fol 691 et seq.
[24] U ghalhekk anke meta huwa kien qieghed f'relazzjoni ma' Grima.

"jewellery shop". David tghid ukoll li Grima kienet tuza il-lotions u anke kellha problemi ta' gielda f'sidirha. Din ix-xhud isemmi lil Melita Cleaners u tghid li kien l-imputat li kien jipprepara l-inkartament ghall-hlas tat-tfajliet li kienu jmorru jnaddfu.

Ikkunsidrat

Illi ghandu jigi rilevat li fil-kors ta'l-investigazzjoni l-ufficjal prosekutur kien ha stqarrija ta'l-imputat[25]; din l-istqarrija kienet giet rilaxxjata wara li l-imputat kien inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat ghal siegha qabel ma jirrilaxxja l-imsemmija stqarrija[26]. Din l-istqarrija giet irrilaxxjata fid-19 ta' April 2011; konformament ma dak li kienet tippermetti l-Ligi f'dak il-perjodu l-imputat ma nghatax id-dritt li jkun assistit minn avukat anke waqt li jkun qed jirrilaxxja l-istqarrija.

Illi huwa issa ben stabbilit fil-gurisprudenza li staqrrijiet mehuda f'dawn ic-cirkostanzi, u cioe meta l-persuna koncernata ma tinghatax d-dritt li tkun assistita waqt ir-rilaxx ta'l-istqrrija, ghandhom jitqiesu bhala mehuda bi ksur tad-drittijiet fundamentali. Konsegwentement l-istqarrija ta' l-imputat ma tistax titqies bhala prova ammissibbli u ghalhekk ser tigi skartata mill-Qorti.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ravvizata f'l-artikolu 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe it-tfruffa jew il-frodi innominata.

Illi dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' truffa Francesco Antolisei jghid hekk:

> *Nucleo essenziale del delitto in parola e' l'inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, positivo o negativo, che importa una diminuzione del suo patrimonio col profitto del agente o di altri. Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato ... Nella truffa ... l'agente, mediante artifizi o ragiri riecse ad ottenere che la vittima si danneggii da se: consgna una cosa, assuma un obbligazione, rinunzi ad un suo diritto, ecc:*

[25] Ref Dok MC1 a fol 20 et seq.
[26] Ref Dok MC2 a fol 24.

*compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri.*

*La fattispecie oggettiva della truffa consta dei segwenti elementi:*
*a) un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione artifizi o raggiri;*
*b) la causazione di errore, il quale ... deve a sua volta dare origine a una dispozione patrimoniale;*
c) *un danno patrimoniale derivato dell'inganno con conseguente profitto per l'agente o altra persona.*[27]

Illi diversi sentenzi tal-Qrati taghna jirribadixxu dan l-istess insenjament. Fil-fatt il-Qorti ta'l-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-elementi tar-reat ta' truffa:

*Fil-Ligi taghna element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene cioe dawk l-artifizi jew raggiri idonei li jinducu u li effettivament kienu inducew lill-vittma fi zball --- l-ingann --- u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent…… liema telf u qligh ikun rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos li taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata.*[28]

Illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u r-reat minuri ta' frodi innominata, huwa ormai ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza taghna li din id-distinzjoni hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-agent. It-tlett elementi fuq elenkati huma rikjesti ghaz-zewg reati; huma il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominati.

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm t-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konswgwenti qliegh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi ikun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi,*

[27] Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I pagna 354
[28] Ref Pulizija vs Emmanuele Ellul 20.06.1997.

*dak li fid-dottrina huwa imsejjah mise en scene, ikun hemm it-trufffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata.*

*Kwantu ghall-kwistjoni ... jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra.*[29]

Illi dwar il-messa in xena l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[30]

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ikkomment ukoll l-istess Antolisei[31]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.*

Illi dan l-awtur pero jkompli jghid li

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[32].

[29] Ref Pulizija vs Carmela German Appell Kriminali deciz 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[30] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.
[31] Op cit pagna 356
[32] Op cit pagna 357

Illi stabbiliti dawn il-principji irid issa jigi determinat mill-provi prodotti jirrizultawx xi artifizi  jew raggiri da parti ta’l-imputat li inducew lil Grima fi zball u li b’konsegwenza ta’ dak l-izball hija ghamlet xi haga li gabitilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-imputat.

Illi mir-riassunt tal-provi jidher car li hemm kunflitt lampanti bejn il-verzjoni mghotija minn Charmaine Grima minn naha u mill-imputat min-naha l-ohra. Dan il-kunflitt m’ghandux necessarjament iwassal ghall-liberatorja ta’l-imputat. Il-Qorti hija obbligata tevalwa iz-zewg verzjonijiet mghotija, fid-dawl tal-provi kollha prodotti, u tara lil min tista’ taghti kredibilita u f’xiex. Dan l-ezercizju l-Qorti ghamlitu u hija konvinta li tista’ taghti kredibilita lil Grima f’hafna mill-affarijiet li qalet. Dan il-Qorti tghidu mhux biss wara li kellha l-opportunita tara u tisma kemm lil Grima u lill-imputat jiddeponu imma anke minhabba li Grima giet korroborata f’hafna affarijiet milli qalet minn xhieda ohra.

Illi fil-fatt l-Qorti hija konvinta li l-imputat, b’messa in xena wahda wara l-ohra, irnexxielu jilghab bil-vulnerabilita ta’ Grima u kkonvinciha li, b’tort taghha, hu spicca b’kundizzjoni medika li kienet tirrikjedi kura barra minn Malta u b’mod specifiku il-Mongolia. Huwa mbaghad ikkonvinca lil Grima li hi kellha taghmel tajjeb ghal din l-ispiza. Fil-fatt meta ma setghax igib il-flus necessarji direttament minghand Grima, u wara li ma rnexxieliex totjeni loan mill-bank, l-imputat apparentment issellef il-flus hu minn fuq l-idejn u r-rifuzjoni ta’ dan is-self ghamlu billi ottjena l-flus minghand Grima.

Illi aktar minn hekk l-imputat b’messa in xena ohra irnexxielu jikkonvinci lil Grima li huh kellu xi kumpanija li permezz taghha setghet taghmel xoghol ta’ cleaner fil-lukanda Radisson u postijiet ohra. Fil-fat verita kien hu stess li, minghajr l-ebda involviment ta’ huh li ma kellu l-ebda negozju b’l-isem Melita Cleaners, mar jinnegozja ma’l-imsemmija lukanda biex juzaw is-servizzi ta’ Grima li ghalihom thallas hu.

Illi b’hekk u bil-flus li huwa ottjena minghand Grima (it-telf patrimonjali taghha) huwa irnexxielu jaghmel tajjeb ghad-djun li kien ghamel biex ikun jista’ jmur il-Mongolia (il-qliegh li ghamel hu).

Illi fil-fehma tal-Qorti f’dawn ic-cirkostanzi m’ghandu jjkun hemm l-ewwel dubbju li l-ewwel imputazzjoni tirrizulta ampjament pruvata.

Illi konsegwentement l-ewwel imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata.

Illi ghal kull buon fini u b'referenza ghall-flus li Grima hallset biex l-imputat ikun jista jerga jibda n-negozju tal-lotions ma jistax jinghad li dawn inghataw lill-imputat b'xi ingann perpetrat minnu. Jidher mid-depozizzjoni ta'l-istess Grima li verament sar tentattiv biex dan in-negozju jerga' jigi avvjat u fil-fatt inxtraw xi prodotti u n-negozji beda tant li l-istess Grima kienet involuta u ippartecipat attivament. Dan in-negozju ma damx jekk mhux ftit xhur ghal ragunijiet li Grima timputa lill-imputat; hija fil-fatt tippretendi luralammonti li hallset biex ikunu jistghu javvjaw dawn in-negozju. F'dawn ic-cirkostanzi ma jidhirx li kien hemm xi ingann da parti mill-imputat ghaliex huwa rid li jergghu jibdew dak in-negozju u hekk sar.

Ikkunsdrat

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ravvizata f'l-artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe l-approjazzjoni indebita.

Illi l-elementi rikjesti ghall-appropjazzjoni indebieta huma differenti mill-elementi tat-truffa, fis-sens li l-qerq li permezz tieghu l-agent jiehu xi vantagg mill-fiducja tas-suggett passiv huwa element tar-reat ta' frodi biss u mhux tar-reat ta' misappropjazzjoni indebita[33]. U dan ghaliex:

> *... l-element partikolari tar-reat ta' appropjazzjoni indebita mhux l-uzu ta'l-ingann da parti ta'l-agent biex jottjeni l-oggett, izda dik l-inverzjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta ta' dan. F'l-appropjazzjoni indebita ma jezisti l-ebda element ta' frodi*[34].

Illi l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat in ezami, appropjazzjoni indebieta, huma ben stabbiliti; irid jigi pruvat li l-imputat:
1. irceva flus jew xi haga minghand xi haddiehor;
2. bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik il-haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku;

[33] Ref Pulizija vs Joseph Muscat Appell Kriminali deciz 03.03.1997.
[34] Ref Pulizija vs Joseph Muscat op cit

3. u minflok ma jaghmel hekk, dawwar dawk l-flus jew dak l-oggett bi profit ghalih jew ghal haddiehor.

Illi biex jigi pruvat ir-reat huwa necessarju ukoll li jissussisti d-dolo, cioe l-konsapevolezza li qieghed jigi kommess att li jmur kontra r-rieda tal-propjetarju ta'l-oggett jew tal-flus in kwistjoni.

Illi ghalhekk irid ikun hemm il-vjolazzjoni tal-fiducja permezz ta' l-misappropjazzjoni ta' oggett jew flejjes appartenenti lil haddiehor fdati lil xi hadd sabiex isir uzu minnhom specifikat. Din il-vjolazzjoni tal-fiducja tavvera ruhha meta minflok isir l-uzu specifikat isir uzu differenti mill-persuna li lilha tkun giet fdata dak l-oggett jew dawk il-flus appartenenti lil haddiehor.

Illi skond l-Antolisei:

> *La vera essenza del reato consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*[35].

Illi aktar minn hekk il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar ir-reat issa in ezami:

> *Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull*

---

[35] Manuale di Diritto Penale, Giuffre` 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)

*kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers.*[36]

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, u tenut kont ta' dak lil qed jigi allegat mill-prosekuzzjoni, dak li jrid jigi stabbilit huwa jekk Grima ghaddietx xi flus lill-imputat b'l-ghan li jsir xi uzu specifiku minnhom u li l-imputat ghamel uzu differenti minnhom.

Illi jirrizulta mill-provi li l-bicca l-kbira tal-flus li l-imputat ha minghand Grima kienu intiezi biex ihallas il-flus li huwa issellef li parti sostanzjali minnhom zgur li ntuazw biex ikun jista' jmur il-Mongolia. Grima kienet taf li l-imputat kien issellef flus u kien taf ukoll li l-flus li kienet qed taghtih jew li kien qed jircievu hu minflokha kienu qed imorri biex jaghmlu tajjeb ghal dan is-self. Fil-waqt li l-Qorti hija konvinta li l-imputat ottjena l-flus minghand Grima b'qerq[37] ic-cirkostanzi li fihom ottjena dawn il-flus u l-fatti tal-kaz ma jirrinkwadrawx ruhhom fir-reat issa in ezami.

Illi minbarra dawn il-flejjes Grima tirreferi ukoll ghal flus li harget hi (direttament jew tramite missierha) biex l-imputat jerga jibda in-negozju tal-lotions. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li Grima harget dawn il-flus pero, kif diga ntqal, dawn il-flus intuzaw ghall-iskop li kienu intiezi u cioe ghax-xiri ta' materjal u prodotti, marketing ecc ta' dan in-negozju.

Illi ghalhekk din it-tieni imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat huwa addebietat ukoll bir-recidiva. In sostenn ta' dan l-addebietu giet prezentata sentenza mghotija fil-konfront ta'  l-imputat fit-22 ta' Jannar 2002[38]; permezz ta' din is-sentenza l-imputa, wara li gie misjub hati ta'l-imputazzjonijiet hemm indikati, gie ikkundannat multa ta' tlett mitt Lira Maltija[39]. Mill-fedina penali jidher li din il-multa thallset fit-13 ta' Mejju 2002.

---

[36] Ref Il-Pulizija vs John Gauci deciza fl-14 ta' Frar 1997.
[37] U ghalhekk instab hati ta'l-ewwel imputazzjoni.
[38]Ref Dok MC4 a fol 26.
[39] Tressqet bhala xhud is-Supretendent Alexandra Mamo (depozizzjoni a fol 31) li kkonfermat li l-imsemmija sentenza inghatat kontra l-imputat odjern.

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni sehhew bejn is-sena 2006 u 2010 u ghalhekk entro il-hames snin mis-sentenza u anke mill-hlas tal-multa. Konsegwentement l-imputat ghandu jitqies recidiv ai termini ta'l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena u b'mod partikolari ghall-artikolu 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dak li kienet tipprovdi din id-dispozizzjoni fiz-zmein tar-reat[40] hemm diversi kunsiderazzjonijiet x'jsieru.

Illi kif diga ntqal il-Qorti hija sodisfatta li l-prosekuzzjoni pruvat 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-imputat inganna lil Grima u bhala rizultat ta' dan l-ingann l-imputat ipercepixxa, direttament u indirettament, flus appartenenti lil Grima. Fil-fehma tal-Qorti ma ngabux provi sufficjenti in sostenn ta'l-allegazzjoni li l-ammont mhallas lill-imputat huwa ta' dsatax il-elf Euro u lanqas fil-fehma tal-Qorti ma gie stabbilit l-ammont preciz li fil-fatt gie imhallas.

Illi tenut kont ta' dan in-nuqqas, u b'aspplikazzjoni tal-principju *in dubbio pro reo*, pero konvinta li Grima zgur hallset ammont li jeccedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) il-Qorti ikollha tapplika l-piena stabbilita predisposta f'l-artikolu 310(1)(b) fis-snin 2006 sa 2010 u cioe dik ta'priguenrija minn ħames xhur sa tliet snin.

Illi ai fini ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-gravita tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat min-naha u l-fedina penali kwazi netta min-naha l-ohra. Hadet in konsiderazzjoni l-fatt li stante li l-imputat huwa recidiv fit-termini ta'l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 sentenza soospieza ma tistax tinghata.

Illi tenut kont tas-suespost l-Qorti m'ghandha l-ebda ghazli hlif li timponi piena karcerarja li pero tkun aktar vicin il-minimu milli l-massimu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli

---

[40] U ghalhekk qabel l-emendi tas-sena 2014.

49, 50 308, 309 u 310(1)(b)[41] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tikkundannah sena prigunerija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

[41] U cioe dak li kien jiddipsoni dan il-provvediment fis-snin 2006 sa 2010.